

5. Il-ħames motiv: sussidjarjament, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 12d(3) flimkien mal-Artikolu 27(7)(a) tar-Regolament Nru 806/2014 u l-Artikolu 12c(4) tar-Regolament Nru 806/2014 jiksru liġi ta' grad ogħla (Artikoli 16, 17, 20 u 52 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾) sa fejn huma intiżi li jippermettu l-inklużjoni tal-obbligazzjonijiet minn self issussidjat li jkun ġie misluf fl-obbligazzjonijiet totali, inklużi fondi proprji, meta jiġi ddeterminat ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli.

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jstabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

⁽²⁾ Regolament tal-Kunsill Nru 1 li jstabbilixxi r-reġim lingwistiku tal-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 5).

⁽³⁾ ĠU 2012, C 326, p. 391.

Rikors ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2023 – Plahotniuc vs Il-Kunsill

(Kawża T-480/23)

(2023/C 338/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Vladimir Gheorghe Plahotniuc (Chisinau, il-Moldova) (rappreżentant: J. Pobjoy, BL)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla skont l-Artikolu 263 TFUE, Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1047 tat-30 ta' Mejju 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova ⁽¹⁾ sa fejn din tapplika għar-rikorrent; u Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1045 tat-30 ta' Mejju 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/888 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova ⁽²⁾, sa fejn din tapplika għar-rikorrent;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tar-rikorrent.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq allegazzjoni ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni meta ġie ikkunsidrat li kien hemm bażi fattwali soda biżżejjed sabiex jiġi ddeterminat li l-kriterji għall-elenkar tar-rikorrent fl-Artikolu 1 tad-deċiżjoni kkontestata u fl-Artikolu 2 tar-regolament kkontestat kienu issodisfatti.
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet tar-rikorrent skont Artikolu 6, moqri flimkien ma' Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1047 tat-30 ta' Mejju 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2023/891 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU 2023, L 140I, p. 9).

⁽²⁾ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1045 tat-30 ta' Mejju 2023 li jimplimenta r-Regolament (UE) 2023/888 dwar miżuri restrittivi fid-dawl ta' azzjonijiet li jiddestabilizzaw ir-Repubblika tal-Moldova (ĠU 2023, L 140I, p. 1).